



Dokument ta' sessjoni

B9-0180/2024

11.3.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-restituzzjoni ta' beni tal-patrimonju nazzjonali Rumien approprjati
illegalment mir-Russja
(2024/2605(RSP))

**Michael Gahler, Eugen Tomac, Traian Băsescu, Rasa Juknevičienė,
Andrius Kubilius**
f'isem il-Grupp PPE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-restituzzjoni ta' beni tal-patrimonju nazzjonali Rumien approprjati illegalment mir-Russja (2024/2605(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b' mod partikolari l-Artikoli 6, 36 u 167 tiegħu,
 - wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b' mod partikolari l-preambolu tiegħu u l-Artikoli 3(3) tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1954 għall-Ħarsien tal-Beni Kulturali f'Każ ta' Kunflitt Armat,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u ta' Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illeċiti tas-Sjieda tal-Proprietà Kulturali, adottata mill-Assemblea Ġenerali tal-UNESCO fis-16-il sessjoni tagħha fl-14 ta' Novembru 1970,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012¹,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2022 dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Beni Kulturali (COM(2022)0800),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa tas-27 ta' Ottubru 2005 dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà (CETS Nru 199),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tad-19 ta' Mejju 2017 dwar ir-Reati Kriminali relatati mal-Proprietà Kulturali (CETS Nru 221),
 - wara li kkunsidra l-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali rikonoxxuti mill-istati, bħall-prinċipju tas-sovranià u n-noninterferenza, il-prinċipju ta' *bona fide* u l-prinċipju tas-soluzzjoni paċifika tat-tilwim,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-riżervi tad-deheb ta' stat iservu bħala assi finanzjarju kruċjali, li jipprovdu stabbiltà lill-munita tiegħu u jsaħħu l-fiduċja fis-saħħa ekonomika tan-nazzjon;
- B. billi r-riżervi tad-deheb ta' stat għandhom rwol uniku u fit-tul fil-finanzi u fl-ekonomija, u jirrappreżentaw komponent ewlieni tar-riżervi tal-munita li għandhom dawk innazzjonijiet; billi matul kriżijiet finanzjarji, ir-riżervi tad-deheb tal-bank ċentrali

¹ ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1.

jiffunzjonaw bħala assi ta' rifuġju sikur f'perjodi ta' taqlib fis-suq;

- C. billi l-preambolu tat-TUE jiddikjara li l-firmatarji huma “ispirati mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanista tal-Ewropa” u jixtiequ “jsaħħu s-solidarjetà bejn il-popli tagħhom filwaqt li jirrispettaw l-istorja, il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħhom”, u l-Artikolu 6 tat-TFUE jelenka l-kultura bħala qasam ta' politika taħt “kategoriji u oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni”, b'azzjonijiet differenti li jistgħu jittieħdu mill-UE biex tappoġġja, tikkoordina jew tikkomplementa l-azzjoni tal-Istati Membri; billi skont l-Artikolu 36 tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom il-prerogattiva li jiddefinixxu l-beni tal-patrimonju nazzjonali tagħhom fil-ġurisdizzjoni tagħhom u li jimplementaw il-miżuri meħtieġa biex jissalvagwardjawhom;
- D. billi d-dritt tal-UE ma joffrix linji gwida jew klassifikazzjoni ġenerali ta' x'jikkostitwixxi beni tal-patrimonju nazzjonali, peress li ssir definizzjoni ta' dan mhix fil-kompetenza tal-UE; billi t-terminu “beni tal-patrimonju nazzjonali” spiss jiġi inkluż taħt varjetà ta' termini ġeneriċi, bħal “beni kulturali” u “oġġetti kulturali”;
- E. billi t-terminu “beni tal-patrimonju nazzjonali Rumen” jinkludi r-riżervi tad-deheb tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija, li jikkonsistu f'ingotti tad-deheb u muniti rari b'valur numismatiku u kulturali li huwa distint mill-valur tad-deheb innifsu, kif ukoll beni kulturali u artistiċi li jappartjenu għall-wirt nazzjonali tal-pajjiż;
- F. billi hemm raġunijiet leġiżlattivi għar-restituzzjoni ta' beni kulturali u beni tal-patrimonju nazzjonali li tneħħew mit-territorju ta' pajjiż tal-UE b'mod illegali permezz ta' ksur tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ jew ksur tal-kundizzjonijiet li taħthom ingħatat awtorizzazzjoni temporanja;
- G. billi l-konfiska illegali tal-beni tal-patrimonju nazzjonali tar-Rumanija mir-Russja hija ksur flagranti tan-normi u d-drawwiet internazzjonali, peress li t-trasferiment tar-riżervi tad-deheb tal-Istat, flimkien ma' ġabra sostanzjali ta' beni kulturali, artistiċi u arkiwjali, fil-kustodja ta' stat ieħor biex jinżammu sikuri f'ċirkostanzi eċċezzjonali kien kopert minn ftehim uffiċjali appoġġjat minn dokumenti ta' protokoll xierqa u garanziji legali ta' restituzzjoni, li l-obbligi stipulati tagħhom ġew injorati;
- H. billi r-restituzzjoni tal-beni tal-patrimonju nazzjonali Rumen approprjati hija ta' importanza kbira kemm għall-memorja istituzzjonali kif ukoll dik nazzjonali tal-pajjiż;
- I. billi r-Rumanija għandha pretensjoni kompletament valida għar-riżervi tad-deheb tagħha li ġew evakwati lejn Moska fl-1916 u fl-1917;
- J. billi r-restituzzjoni ta' beni tal-patrimonju nazzjonali Rumen teħtieġ rispons Ewropew imfassal apposta;
- 1. Ifakkar li l-approprjazzjoni illeċita tal-beni tal-patrimonju nazzjonali tar-Rumanija mir-Russja hija l-uniku każ internazzjonali li fih ir-riżervi tad-deheb monetarju u l-beni li huma parti minn dak il-wirt nazzjonali ta' stat ġew fdati lil pajjiż ieħor biex jinżammu sikuri, skont ftehim stabbilit f' dokumenti ta' protokoll xierqa li jagħtu garanziji legali ta' restituzzjoni, u fl-aħħar mill-aħħar dawn l-obbligi ġew injorati, bi ksur tan-normi u d-drawwiet internazzjonali;

2. Jirrikonoxxi li l-beni tal-patrimonju nazzjonali ddepożitati għaż-żamma sikura f' Moska fl-1916 u l-1917 matul iż-żminijiet diffiċli tal-Ewwel Gwerra Dinjija, bil-garanzija tal-Gvern tar-Russja Imperjali rigward is-sikurezza tat-trasport, is-sikurezza tad-depożitu u s-sikurezza tar-restituzzjoni lejn ir-Rumanija, huwa każ internazzjonali mingħajr preċedent ta' approprjazzjoni illegali ta' riżervi tad-deheb u oġġetti ta' wirt u kwistjoni ta' tħassib perpetwu għas-soċjetà Rumena;
3. Jinnota li l-Ewwel Gwerra Dinjija ġiegħlet lill-Gvern Rumenu ta' dak iż-żmien jafda l-beni tal-patrimonju nazzjonali tar-Rumanija lil stat alleat għall-protezzjoni kontra l-qerda; ifakkar li, matul it-tbatija ta' żmien il-gwerra, għexieren ta' vaguni tal-ferrovija ttrasportaw il-biċċa l-kbira tal-beni tal-patrimonju nazzjonali tar-Rumanija lejn ir-Russja Tsarista biex jinżammu sikuri sa żminijiet ta' paċi, b'inventarju dettaljat li jiddokumenta r-riżervi tad-deheb tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija, bil-garanzija tar-Russja li jkunu mħarsa u restitwiti, kif jixhdu stati oħra f'dak iż-żmien; jissottolinja li l-beni tal-patrimonju nazzjonali mogħtija legalment fil-kustodja tar-Russja kienu jikkonsistu minn 91,5 tunnellata ta' deheb fin li jappartjeni għar-riżervi tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija, kollezzjonijiet rjali ta' ġojjelli u muniti rari, flimkien ma' assi kulturali u storiċi imprezzabbli bħal arkivji tal-istat, dokumenti, manuskritti storiċi prezjużi, pitturi patrimonjali, kotba u kollezzjonijiet rari minn ħafna istituzzjonijiet pubbliċi u privati, li jkopru aktar minn ħames sekli ta' storja Rumena;
4. Jenfasizza li, minkejja diversi tentattivi ta' negozjati diplomatiċi wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-beni tal-patrimonju nazzjonali Rumenu qatt ma ġew restitwiti għalkollox mir-Russja, kif kien ġie stipulat legalment fil-ftehim bilaterali uffiċjali bejn iż-żewġ stati;
5. Jinnota li ħafna mill-beni kulturali, artistiki u arkivjali li kienu jappartjenu għall-beni tal-patrimonju nazzjonali approprjati illegalment mir-Russja ġew restitwiti lejn ir-Rumanija fl-1935 u fl-1956; jenfasizza li sal-lum, madankollu, l-ebda waħda mill-91,5 tunnellata ta' deheb fin, li huma parti mir-riżervi tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija, ma ġiet restitwita;
6. Jesprimi t-tħassib tiegħu li, minkejja l-ħolqien tal-Kummissjoni Konġunta bejn ir-Rumanija u r-Russja ta' esperti bil-mandat li jippermettu diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni, l-isforzi biex issir ir-restituzzjoni tal-beni tal-patrimonju nazzjonali Rumenu – u b'hekk tiġi żgurata r-restituzzjoni tar-riżervi tad-deheb maħtufa illegalment tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija – permezz ta' kanali diplomatiċi bilaterali bejn ir-Rumanija u r-Russja ntlaqgħu b'nuqqas ta' rieda min-naħa tar-Russja li tirrestitwixxi dak li r-reġimi preċedenti żammew illegalment mingħajr kunsiderazzjoni tal-protokollu ta' restituzzjoni li ġew iffirmati;
7. Iqis li l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja trid twassal għal valutazzjoni mill-ġdid tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja fil-futur, li se tinkludi dinamiċi u talbiet diplomatiċi mingħajr preċedent, bħar-restituzzjoni tar-riżervi tad-deheb approprjati lill-Bank Nazzjonali tar-Rumanija;
8. Jenfasizza li trid tingħata attenzjoni speċjali lill-preservazzjoni tal-beni tal-patrimonju nazzjonali tal-Istati Membri, kif stipulat fit-Trattati tal-UE;
9. Jilqa' l-isforzi sostanzjali min-naħa tal-UE biex tiproteġi l-wirt nazzjonali, kulturali u storiku billi timplimenta leġislazzjoni u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni li jirregolaw ir-

restituzzjoni ta' assi kulturali u patrimonjali meħuda illegalment mit-territorji tal-pajjiżi tal-UE u l-isforzi tagħha biex tiġġieled it-traffikar tal-beni kulturali; jirrikonoxxi li d-Direttiva 2014/60/UE hija l-pilastru ewlieni tal-impenn tal-UE li tissalvagwardja l-beni tal-patrimonju nazzjonali u l-oġġetti kulturali, filwaqt li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Beni Kulturali kkonferma l-impenn usa' tal-UE f'li tippoteġi l-wirt kulturali; jenfasizza li l-oġġetti kulturali mneħħija illegalment iridu jiġu restitwiti, irrispettivament minn jekk ikunux ġew rilokati fl-Unjoni jew esportati lejn stat mhux tal-UE; jinnota li, filwaqt li skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TFUE, il-leġislazzjoni attwali tal-UE tkopri r-restituzzjoni ta' beni kulturali u beni tal-patrimonju nazzjonali mneħħija illegalment qabel l-1 ta' Jannar 1993 minn Stat Membru għal ieħor, ir-ripatrijazzjoni tal-beni tal-patrimonju nazzjonali Rumani tibqa' każ speċjali li jirrikjedi soluzzjoni speċifika; jenfasizza li n-natura eċċezzjonali tal-appropriazzjoni illegali tal-beni tal-patrimonju nazzjonali Rumani tenfasizza speċifità jiet uniċi li jirrikjedu rispons Ewropew imfassal apposta biex tiġi ffaċilitata r-restituzzjoni tagħhom, u b'hekk jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-approċċ tal-UE lejn ir-restituzzjoni ta' assi kulturali mneħħija illegalment mit-territorji tal-pajjiżi tal-UE;

10. Jenfasizza li r-restituzzjoni tal-assi kulturali u tal-beni tal-patrimonju nazzjonali ta' Stat Membru tal-UE li jinżammu illegalment minn Stat mhux tal-UE, tirrikjedi djalogu diplomatiku sostanzjali, kemm bilaterament kif ukoll fi ħdan fora internazzjonali;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-politiki tal-UE li jirregolaw il-ħarsien tal-beni kulturali biex jinkludu r-restituzzjoni tal-beni tal-patrimonju nazzjonali rilokati matul il-perjodu ta' gwerra skont ftehimiet bilaterali bejn l-istati;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jinkludu r-restituzzjoni tal-beni tal-patrimonju nazzjonali Rumani fl-aġenda bilaterali diplomatika li tirregola r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja ladarba l-kuntest reġjonali jippermetti t-tkomplija tad-djalogu politiku bejn il-partijiet;
13. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq sinerġiji konkreti mal-Istat Rumani u l-Bank Nazzjonali tar-Rumanija sabiex timmobilizza sforzi kkoordinati u ssegwi l-mezzi diplomatiċi kollha ta' medjazzjoni, tippromwovi l-komunikazzjoni mal-kontropartijiet Russi u tfittex soluzzjonijiet biex tiżgura li l-beni tal-patrimonju nazzjonali neqsin jiġu restitwiti fejn jappartjenu;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li taġixxi bħala sieħeb għar-rappreżentanti Rumani involuti fil-Kummissjoni Konġunta bejn ir-Rumanija u r-Russja li għandha l-mandat li tiddiskuti r-restituzzjoni tal-beni tal-patrimonju nazzjonali Rumani;
15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.